MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2773/1999/1

Topside Limited

vs

Francis u Doris konjugi Buhagiar

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:

Illi l-konvenuti, huma debituri f'ammont vera, cert u likwidu a favur taghha fis-somma ta elfejn lira maltija (Lm2000) kif ghandu jirrizulta minn skrittura privata ta' debitu datata 27 ta Lulju 1998 hawn annessa markata Dok A u dana stante

li l-kondizzjoni hemm stipulata giet esekwita fl’intier mis-socjeta attrici;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u s-socjeta attrici qieghed tannetti ma dan l-att affidavit skond l-artikoli imsemmija, Dok B;

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati inutilment biex jhallsu dan id-dejn;

Ghalhekk iis-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi: -

1) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167 - 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta;

2) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri f’ammont vera, cert u likwdu fis-somma ta Lm2000 a favur tas-socjeta atrici skond ma kif jirrizulta fl-annessa skrittura Dok A;

3) Tikkundanna liIl-konvenuti jhallsu s-somma ta Lm2000 minnhom dovut kif fuq indjkat oltre i-interessi bit-8% fis-sena dekorribbli min-notlfika ta’ dan l-att;

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi dekorribbii minn notifika ta’ dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjon;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qed jigi eccepit :-

Illi prelilminarjament din il-kawza ghandha tinstema' kontestwalment ma' zewg kawzi ohrajn fl-ismijiet u n-numri u dan minhabba l-konnessjoni li tezisti kif ser jigi espost hawn taht;

Illi l-eccipjenti intavolaw citazzjoni fit-18 ta' Gunju 1999 kontra s-socjeta' Topside Limited fejn qed tintalab dikjarazzjoni ta' nullita' ta' konvenju tat-22 ta' Lulju 1998 li sa fejn jaf l-esponent mhux appuntat; u citazzjoni numru 775/99 RCP appuntata ghad-9 ta' Frar 2000 fejn is-socjeta' Topside Limited qed tagixxi ghal bilanc allegatament ta' tnejn u ghoxrin elf lira (Lm22000 ) u fejn qed jigi oppost illi l-iskrittura huma nulli u qed jigu impunjati permezz tac-citazzjoni depositata fit-18 ta' Gunju 1999, fil-mertu ghalhekk jghidu illi din l-iskrittura esebita fic-citazzjoni odjerna hija parti minn serje ta' atti li huma afflitti bin-nullita' fis-sens illi kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni l-esponent kien dahal fi skrittura li min ghalih kienet tpartit u fil fatt kien konvenju u gew pubblikati xi atti sussegwentement; l-eccezzjoni ghal dan il-pagament huwa illi hija konnessa ma skrittura ohrajn illi qed jigu mpunjati;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju l-eccipjenti kienu ftiehmu illi l-pagament ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) jsiru meta jitlestew certi xogholijiet bhal ma ir-rampa u tieqa fil-garage li sallum ghadhom ma sarux;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li din il-kawza tinstema fl-imkien ma-z-zewg kawzi l-ohra indikati fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cioie l-kawzi bin-numri 1406/99 u 775/99;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ssottomettiet li m'hemmx ghalfejn li din il-kawza tibqa miexja mal-imsemmija zewg kawzi u wara li l-konvenuti rrimettew ruhhom il-kawza giet differita ghal provi tas-socjeta ttrici;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici u lill-konvenut Francis Buhagiar;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ April 2005 minn fejn jirrizulta li l-partijiet irrimettew ruhhom ghal provi migbura u talbu li tinghata s-sentenza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tghamel referenza ghall-iskrittura li giet esibita mac-citazzjoni u datata 27 ta’ Lulju 1998 fejn il-konvenuti ddikjaraw li huma veri u likwidi debituri fis-somma ta’ elfejn liri malrin (Lm2000) u dana peress li l-kondizzjoni stipulata fl-istes skritura giet esekwita fl’intier mis-socjeta attrici. Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-istess somma;

Il-konvenuti qed jeccepixxu prelilminarjament li din il-kawza ghandha tinstema’ kontestwalment ma’ zewg kawzi ohrajn li huma indikati fin-nota ta’ eccezzjonijiet relattiva. Fil-mertu jeccepixxu li l-imsemmija skrittura odjerna hi parti minn serje ta’ atti li huma afflitti bin-nullita’ stante li l-eccipjenti kien minn ghalih li l-iskrittura kienet tpartit u fil fatt kien konvenju. Il-konvenuti jispecifikaw li din l-iskrittura hia konnessa ma skrittura ohrajn illi qed jigu mpunjati Fil-mertu ukoll jeccepixxu li l-pagament tal-imsemmija somma kellu jsir meta jitlestew certi xogholijiet li sallum ghadhom ma sarux;

Ghal-ewwel din il-kawza kienet mixja maz-zewg kawzi indikati fl-eccezzjonijiet. Fil-mori l-kawza bi qbil bejn il-partijiet il-kawza bdiet tigi trattata separatament mill-imsemmija zewg kawzi. B’hekk jidher li l-ewwel eccezzjoni preliminari al-konvenuti giet sorvolata;

Jirrizulta li l-iskrittura de quo giet iffirmata mill-konvenuti u certu David Bonett personalment. F’din l-iskrittura l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu l-imsemija somma kif isiru ix-xogholijiet indikati fl-istess skrittura. Skond l-imsemmi Bonett u s-socjeta attrici dawn ix-xogholijiet gew

kompletati u ghalhekk is-somma in kwestjoni hi dovuta. L-isemmi Bonett ikkonferma li bi zball huwa deher fuq din l-iskrittura f'ismu propju meta huwa kellu jidher ghan-nom u fl-interess tas-socjeta attrici. Fi kwalunkwe kaz l-istess xhud ikkonferma li l-istess xogholijiet in kwestjoni saru u tlestew mis-socjeta attrici; In vista tal-fatt li l-obbligu tal-konvenuti li jhallsu kien kondizzjonat ghal fatt li jigu kompletati x-xogholijiet indikati fl-istess skrittura u in vista tal-fatt li dawn ix-xogholijiet gew kompletati mis-socjeta attrici konsegwentement l-eventwali hlas tas-somma ghandu jsir lis-socjeta attrici;

Il-konvenuti ikkonfermaw li l-intenzjoni kienet li jsir tpartit, cioe' s-socjeta attrici kellha titrasferixxi appartament f'Marsaskala lill-konvenuti li da parti taghhom kellhom jittrasferixxu lis-socjeta attrci penthouse f'Bugibba. In effett sar biss il-bejgh u trasferiment tal-appartament f'Marsaskala u sar konvenju ghar-rigward tat-trasferiment tal-imsemmija proprjeta l-ohra;

Ma jistax jinghad li jirrizulta li dak li effettivament sehh, sar ad insaputa tal-konvenuti. Jista jkun li originarjament il-ftehim kien li jsir tpartit. Sussegwentement, pero', ghal ragunijiet, li jidher li l-konvenuti kienu jafu ben tajjeb sar biss it-trasferiment tal-appartament ta' Marsakala. In effett il-konvenuti biss ibbenifikaw minn dak li effettivament sar peress li huma akkwistaw l-imsemmi appartament. Jidher ukoll li l-iskrittura in kwestjoni kienet konnessa mat-trasferiment tal-istess appartament u x-xogholijiet in kwestjoni kienu fil-partijiet komuni tal-blok fejn jinsab l-istess appartament. Il-konvenuti stess ikkonfermaw li x-xogholijiet in kwestjoni gew in effett kompletati. Inoltre l-konvenuti ddikjaraw li ma hallsux l-ammont in kwestjoni f'din il-kawza semplicement ghaliex hemm l-imsemmija pendenzi bejn il-partijiet;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici huma gustifikati filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti fil-mertu ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri fis-somma ta elfejn liri maltin (Lm2000) versu s-socjeta attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta Lm2000 bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenuti sads-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------